MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 14/2025-9**

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

14.1.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Viċi Sindku jinsab assenti b'apoloġija.

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 13/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

14.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

14.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 13/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-perikolu, il-Bandli tal-Virtut ġie magħluq u nqala' l-equipment kollu. Propona u l-membri qablu illi l-Kunsill japplika għall-fondi tad-DLG taħt l-iskema SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali sabiex jsir play equipment ġdid, bankijiet, rubber flooring, shade, fanali u qsari. Kompla jgħid li l-Kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' €30,000. Żied jgħid illi l-Kunsill mhux mistenni joħroġ aktar minn €6,000.

14.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex jingħata pagament ta' €100 lil NGO – Siġar peress li ħawlu xi siġar taż-Żebbuġ u għamlu sistema ta' automatic water filters fiż-Żebbuġ Playing Field.

14.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jerġgħu jiġu organizzati il-korsijiet għas-Sajf fosthom kors tar-ROBLOX, STEM Science u l-first aid.

14.3.3 Peress li għal Jum l-Omm inxtraw tokens biex jitqassmu lill-ommijiet is-Sindku propona li jsir l-istess f'Jum il-Missier. Il-membri qablu.

14.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri li waqt laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex, is-Sindki taż-Żebbuġ, tal-Munxar u tar-Rabat ġew infurmati li ser jingħataw fondi ta' €2,500

għas-Sajf sabiex jintużaw biex jinġabar l-iskart domestiku. Is-Sindku wera l-apprezzament tiegħu.

14.3.5 Is-Sindku propona sabiex issir ħarġa oħra għar-residenti fix-xhur tas-Sajf. Il-membri qablu.

14.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri li rigward l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Assunta lil Awtorita' ta' l-Ippjanar ġiet konkluża. Qal li l-Kunsill ser ikun qed jibbenifika kważi mill-ammont kollu. Propona sabiex tinħareġ l-offerta. Il-membri qablu ma' dan u qablu li l-bord t'evalwazzjoni jkun kompost minn Chairman, William Sultana, Membri Daniel Galea, Ing. Mario Cauchi u Loretta Cauchi waqt li Segretarju tal-bord Odette Camilleri. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ppproponiet sabiex il-professional fees jidħlu mat-talba għal fondi tal-PA. Il-membri qablu.

14.3.7 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex taħt l-iskema SPI/SCI/07/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom maħruġa mid-DLG, il-Kunsill japplika għal upgrading tal-ġnien fi Triq il-Wied f'Marsalforn. Il-membri qablu.

14.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li biex jinstaq it-tipper truck tal-Kunsill li jintuża għal bulky hemm bżonn il-liċenzja C1. Din il-liċenzja tiswa €600. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li l-Kunsill joħroġ €400 sabiex il-ħaddiem jieħu l-liċenzja waqt li l-€200 joħroġhom il-ħaddiem.

14.3.9 Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal €10,000 biex jorganizza attivitajiet ta' l-STEM flimkien ma' professjonisti minn dan il-qasam.

14.3.10 Rigward il-bankina ta' L. Zahra ta' Pjazza l-Assunta, is-Sindku nforma lill-membri li l-kurduna saret mill-ħaddiema tal-MGP però it-tqiegħid tal-porfido irid isir mill-Kunsill. Kompla jgħid li l-Kunsill talab lill-kuntrattur Road Construction sabiex jipprovdi u jwaħħal l-porfido peress li hemm offerta però dan qatt ma sar. Informa lil membri li l-porfido nġab mill-PRAX u ser tinġab kwotazzjoni sabiex titwaħħal.

14.3.11 Rigward il-kisi ta' parti minn Triq il-Ponta, la l-Perit u lanqas il-Kuntrattur ma jridu li jiffirmaw bħala safety manager. Is-Sindku nforma lill-membri li hu lest li jidħol responsabbli hu. Kompla jgħid li l-bdil tas-sistema tad-drenaġġ mhix imdaħħla u qal li l-quddiem għadd trid terġa ssir mill-ġdid din it-triq, għalhekk propona li minflok issir parti bit-tarmac u parti bil-konkos, issir kollha kemm hi bil-konkos. Il-membri qablu. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li s-Sindku m'għandhux jidħol responsabbli iżda għandu jkun il-Perit tal-Kuntrattur anke jekk jinstab kompromess li minflok il-Kunsill iħallas bir-rata ta' 4% jitħallas bir-rata ta' 2%.

14.3.12 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandha ssir laqgħa ma' l-għaqdiet minħabba l-festa ta' Santa Marija l-Assunta. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ġibdet

l-attenzjoni sabiex issir l-applikazzjoni għal permess tal-pulizija kmieni kemm jista' jkun. Rigward it-tindif il-membri qablu li l-Kunsill joħroġ €5,000 għat-tindif fil-ġimgħa tal-Festa li tinqasam bejn il-ħaddiema kollha.

14.3.13 Rigward il-latrina tal-Qbajjar Promenade li qed tiġi tranġata mill-fondi tad-DLG, is-Sindku nforma lill-membri li l-cubicles ser jinbnew bil-ġebel minflok bid-diviżjonijiet tal-perspex. Kompla jgħid illi kif kien diġà maqbul fil-Kunsill preċedenti ser tkun qed titranġa latrina waħda li tkun maqsuma fi tnejn u l-latrina l-oħra ser tinbidel f'uffiċċju tal-Kunsill. Informa lil-membri li ser jinġabru kwotazzjonijiet għad-dawl u l-plumbing.

## 14.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

### 14.4.1 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

14.4.1.1 Talbet sabiex tintbgħat tfakkira sabiex jitranġaw il-parkeġġi fi Triq ix-Xagħra.

14.4.1.2 Rigward it-Tiġrija taż-Żwiemel, staqsiet jekk il-Kunsill applikax taħt il-Fondi Kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha illi għandhom qed jinġabru l-istejjem neċessarji sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni.

14.4.1.3 Staqsiet x'inkwiet inqala' fi Triq ta' Milied. Is-Sindku nfurmaha illi l-Ħadd filgħodu ġie msejjaħ sabiex imur fuq il-post minħabba x-xogħlijiet li kienu twettqu mill-Kunsill. Informa lill-membri li ċċaqlaq xi ħajt ta' għalqa bil-gaffa. Kompla jgħid li ser jerġa jsir kollox kif kien. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ġibdet l-attenzjoni li sabiex titnaddaf it-triq mill-ħaxix ma kinx hemm għalfejn jitwaqqgħu il-ħitan. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex tiġi sospiża il-laqgħa. Il-laqgħa ġiet sospiża fil-4.50pm. Reġgħet bdiet fil-4.57pm. Kien hemm qbil li jekk se jsir xi ħaġa f'din it-triq jiġu kkonsultat kull min se jiġi milqut.

14.4.1.4 Talbet sabiex jitnaddaf il-water culvert li hemm fi Triq il-Knisja. Il-membri qablu.

14.4.1.5 Talbet u l-membri qablu sabiex jinqata' l-ħaxix minn Triq Għajn Mhelhel u Triq ta' Ċenċ.

14.4.1.6 Talbet ukoll sabiex tinħasel minn żmien għal żmien il-vann tal-kommunita'. Il-membri qablu.

### 14.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

14.4.2.1 Talab sabiex issir ir-repainting ta' l-STOP sign li hemm fejn il-Każin tal-Banda. Il-membri qablu.

12.4.2.2 Sabiex jerġa' jingħata il-patching fi Triq is-Sagħtrija peress li meta sar inġarr bix-xita. Il-membri qablu.

12.4.2.3 Informa lill-membri li l-għotien tar-railing ta' Triq Santa Marija huma neqsin. Il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat b'dan.

14.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

14.4.3.1 Staqsa x'ser jiġri fuq il-ħitan tas-Sagħtrija. Is-Sindku nfurmah li dawn qed jitkomplew peress li qed isir il-konkos għal bażi tal-ħajt u wkoll fuq il-ħajt sabiex ma jinsteraqx il-ġebel.

14.4.3.2 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix li hemm fi triq il-ġewwa f'Wied l-Abjad. Il-membri qablu.

14.4.3.3 Talab sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fil-binja/uffiċċini tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li sid il-proprjeta' diġà nfurmat bil-ħsara u ser jirranġa peress li xogħolijiet fl-istruttura huma fl-obbligazzjoni ta' sid il-proprjeta'.

**14.5 Materji Oħra**

14.5.1 Sabiex jinxtara *hedge trimmer* li jiswa €390 sabiex jintuża mill-ħaddiema għaż-Żebbuġ Playing Field u l-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu.

14.5.2 L-Arċipriet talab sabiex tiġi organizzata Sports Day għat-tfal fil-ground ta' l-iskola. Il-membri qablu li jidħol f'kollaborazzjoni sakemm ma tinqabizx is-somma ta' €200.

14.5.3 Rigward l-offerta ZGLC/02/2025 – Works – Composite PVC railing at Triq Santa Marija and Triq ix-Xwejni Qbajjar. Il-Bord t'Evalwazzjoni rrakomanda li din l-offerta tingħata lil Gokker Ltd għal prezz ta' €47,729 (exc. VAT) u dan peress li l-irħas offerent ma kienx konformi ma' l-offerta.

14.5.4 Proposta sabiex tittella' attivita' fil-Bajja ta' Marsalforn għat-tfal, kompetizzjonijiet tas-sajd bil-qasba biex inżommu ħaj is-sajf peress li Marsalforn hu post tas-Sajjieda. Il-membri qablu.

14.5.5 Talba sabiex jitnaddaf pipe tal-mgħodija ta' l-ilma fil-Wied fi Triq Ħabel it-Twil. Il-Kunsill għandu jiltaqa' fuq il-post sabiex issir aktar verifikazzjoni.

14.5.6 Talba mill-ERRC għal-permess biex jagħmlu 2 pantoons fil-Menqa u lifter fl-islip way għal jet skies. Il-membri qablu li l-permessi għandhom jinġiebu mill-Fisheries.

14.5.7 Talba mill-Iskola Primarja sabiex parti minn Triq iċ-Ċnus li tmiss ma' l-iskola tissemma Triq l-Iskola. Il-membri qablu li ssir talba mal-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq.

14.5.8 Talba sabiex isir culvert taħt bankina fi Triq Skappuċċina peress li t-triq taqleb għal fuqu. Is-Sindku Baskal Saliba astjena minħabba nteressi familjari. Il-Kunsillier Nicky Saliba astjena wkoll però ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill joqgħod attent fejn ser jintefa' l-ilma. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini uriet il-fehma li l-ewwel għandhom isiru l-verifiki meħtieġa qabel ma tkun tista' tittieħed xi deċiżjoni.

14.5.9 Talba sabiex teħel mera fi Triq il-Mitħna. Il-membri qablu li din issir. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini talbet sabiex issir talba lil MGP sabiex titwaħħal mera fi Triq Wara s-Sur fejn il-junction il-ġdida li mir-Rabat twasslek għaz-Zebbuġ.

14.5.10 Talba sabiex tittella filati fi Triq ix-Xwejni qabel ma tilħaq is-saltpans malli taqbeż s-Slip way peress li perikoluż. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works u minflok issir talba sabiex jitwaħħal xi raiiling.

14.5.11 Talba sabiex titkompla titnaddaf Triq Oniċi. Is-Sindku nforma lill-membri illi t-triq ittieħdet bil-maltemp u m'għadhiex aċċessibbli. Il-membri qablu li tiġi mwottija u l-ħofor mimlija bir-ramel.

14.5.12 Talba mingħand D Apap sabiex il-Kunsill jerġa jorganizza l-arm wrestling event f'Marsalforn. Il-membri qablu imbasta ma tinqabiżx is-somma ta' €200.

14.5.13 Talba mingħand kuntrattur sabiex isiru temporary no parking signs waqt il-ħinijiet ta' xogħol fi Triq il-Luzzu sakemm isir xogħol ta' kostruzzjoni. Il-membri qablu li din it-talba għandha tintbgħat lil TM għall-approvazzjoni tagħhom.

## 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 11/2025 għall-perjodu ta'Mejju 2025 li tammonta għal €62,708.45 ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 14.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.40 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2025 fil-4.15 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv